MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Numru 165/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**MAURO MUSCAT**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Mauro Muscat, iben Mario u Rita xebba Cini, imwieled Pieta', nhar l-10 ta' Jannar 1986, residenti '78' Triq il-Kbira, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 47386(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2007, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn

Malta, kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika ndicenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici ndecenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.7) u dak ta' l-imputat (a fol. 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fil-14 ta' Dicember 2007, membri tal-Vice Squad kienu accedew fil-fond ta' l-imputat, cioe '78' Triq il-Kbira, Birkirkara, il-ghaliex kellhom informazzjoni illi kien qed jigi mnizzel pornografija ta' tfal minn fuq il-kompjuter.

PS 266 Stefan Decelis (a fol.11) jghid illi kien gie mitlub jaghmel din it-tfittxija mis-superjuri tieghu, acceda fuq il-fond, flimkien ma' PS 1229 Antoine Cilia, u sab illi kienu joqghodu zewg (2) nisa anzjani. Apparti l-imputat li gie appartat u mitlub jghid jekk kellux materjal pornografiku. L-imputat kien wiegeb lil PS 266 Stefan Decelis fl-affermattiv, pero' ma kienx jaf ezattament x'kien hemm u mistoqsi specifikament, rigward pornografija ta' tfal, irrisponda:

*"Darba kelli, pero' hassarnihom daqs xi sitt (6) xhur ilu. Kont hassarthom."* (ara fol.11).

Li ghaldaqstant gie elevat kompjuter tal-marka Olidata u mija u sitta u hamsin (156) CD/DVD

PS 1116 Timothy Zammit kien inkarigat jaghmel l-analizi fuq l-apparatus. A fol.13, PS 1116 Timothy Zammit

ikkonferma l-prezenza tieghu fit-tfittxija fil-fond residenzjali ta' l-imputat, flimkien mas-Surgent 266 Stefan Decelis u l-*equipment* u DVDs li gew elevati. Huwa ezebixxa r-relazzjoni tieghu dwar l-analizi, cioe Dok.MM1 (a fol.16 et seq.). F'dan ir-rapport irrizulta illi kien hemm storjat fuq il-*Hard Disk*, tlett (3) immagini klassifikati bhala *child pornography* u kklassifikati bhala 'Level 7' skond il-*COPINE TEXONOMY* (ara Dok.MM1 a fol.31). 'Level 7' tal-*COPINE TEXONOMY* ifisser 'Explicit Sexual Activity. Involves Touching, Mutual And Self Masturbation, Oral Sex and Intercourse By Child, Not Involving An Adult' (ara fol.29).

Illi, di piu', gew misjuba dsatax (19)-il *movie clip* illi l-maggiorparti taghhom, cioe hmistax (15) minnhom, kienu kklassifikati '*Level 9*' u t-tnejn (2) l-ohra kienu kklassifikati '*Level 10*'.

'*Level 9*' huma kklassifikati bhala *"Gross Assault. Grossly obscene pictures of sexual assault, involving penetrative sex, masturbation or oral sex involving an adult,* waqt li *'Level 10'*, li hija l-ghar livell, tinvolvi sadizmu u/jew bestjalita' u li minn dawn id-dsatax (19)-il *video clips* kien hemm wiehed (1) biss illi kien gie mhassar u li rrizulta li qabel ma gie mhassar, kien jinsab f'*shared folder* tal-ARES.

PS 1229 Antoine Cilia kkonferma x-xhieda ta' PS 266 Richard Decelis.

Spettur Raymond Aquilina (a fol.39) ezebixxa l-istqarrija ta' l-imputat li fiha l-imputat ammetta li nizzel stampi u filmati pornografici u li darbtejn minnhom nizzel pornografija ta' tfal, madwar xi tmien (8) *films* u zewg (2) stampi. L-imputat rahom ghal kurzita' u jghid illi fil-fatt kien hassarhom minn fuq il-kompjuter.

PS 1229 Antoine Cilia kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

A fol.45, l-Ispettur Raymond Aquilina ezebixxa l-mandat ta' arrest ta' tfittxija ta' l-imputat.

L-imputat Mauro Muscat xehed illi huwa kellu tlieta u ghoxrin sena u li huwa jghix man-nanniet tieghu u li ghandu kompjuter fil-kamra tieghu. Ikkonferma l-istqarrija tieghu u li kienu gew u ghamlu t-tfittxija l-Pulizija ghal rigward ta' pornografija ta' tfal. L-imputat xehed illi habib tieghu kien tah il-kliem 'ARES' fuq bicca karta sabiex inizzel xi *films* ordinarji. Illi l-imputat acceda fuq l-*internet*, pero' sab illi dawn kienu pornografija ta' tfal, illi, kif ra hekk, hassar kollox minn fuq il-kompjuter tieghu. A fol.60 jghid illi huwa lanqas biss rahom il-filmati, li kien biss wara xi xaharejn illi fetah wiehed minn dawn il-filmati, raw illi kienu pornografija ta' tfal u kien iddawnlowdja xi sitta (6) minn dawn il-filmati. Meta rahom, hassarhom kollha mill-ewwel. A fol.68, l-imputat jammetti illi ddawnlowdja dawn il-filmati f'zewg (2) okkazzjonijiet. Mitlub jghid ghaliex, mid-dsatax (19)-il *file*, hmistax (15) kienu mhassra mentri l-erbgha (4) l-ohra kienu ghadhom fuq il-kompjuter, l-imputat jghid li, ghalih, kien hassar kollox.

Sharon Psaila (a fol.84 et seq.) ikkonfermat illi kienet prezenti mal-*boyfriend* taghha, Mauro Muscat, meta dan hassar il-filmati pornografici.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti, l-Qorti hi tal-fehema illi l-imputat, minkejja illi ma jidrhix illi huwa wiehed li l-vizzju tal-pornografija rikbitu kompletament, jidher illi ghamel perijodu fejn kien qieghed jgharrex ghal porografija u li, kif jirrizulta ben tajjeb, mill-analizi tas-*Cyber Crime Unit* (Dok.MM1), dawn id-dsatax (19)-il filmat u zewg (2) immagini ma gewx imnizzla f'data wahda, izda fi tlett (3) dati differenti u erba' (4) minn dawn il-filmati, fil-fatt ma thassru qatt.

Illi jirrizulta, kif diga' fuq spjegat, il-klassifikati gravi, '*Level 9'* tal-filmati u ghaldaqstant, in vista ta' dana kollu u in vista wkoll ta' l-inkonsistenzi gravi illi jidhru u bejn it-testimonjanza ta' l-imputat u dik ta' l-istqarrija tieghu, flimkien ma' dak illi, verament, jirrizulta fuq il-kompjuter ta'

l-imputat, illi l-imputat  ma nizzilx il-pornografija ta’ tfal b’mod accidentali, izda kien hemm perijodu f’hajtu illi, in effett, kien nizzel pornografija ta’ tfal fuq il-kompjuter tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Mauro Muscat**, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 208A, 18, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.** In oltre’, tqieghedu taht Supervision Suspended Order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat u dana ghal perijodu ta’ sentejn.

Illi, in oltre’, l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta’ tmintax (18)-il xahar, b’dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta’ terapija ta’ mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan*  qed tithalla f’idejn l-istess psikologa Roberta Holland li ghandha tirraporta lil Qorti kull sitt (6) xhur fuq l-andament ta’ l-imputat.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-Hard Disk in kwistjoni.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ giovanili ta’ l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Di piu’, l-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u lil Psikologa Roberta Holland.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------